**Noti Bijografiċi**
**Ta' Surmastrijiet fi Ħdan il-Għaqda Mużikali Sant'Andrija**
**(L-Ewwel Parti)**

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fost is-surmastrijiet li mexxew lill-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ta' Ħal Luqa fis-snin bikrin tagħha nsibu lil Mro Carmelo Abela [Farrugia], li dwaru nsibu xi ftit tagħrif imxerred 'l hawn u 'l hinn fl-ewwel paġni tal-ktieb ta' Grech, li jittratta l-125 sena ħidma ta' dis-soċjetà Luqija, u mhux f'Appendiċi Ċ, fejn hemm miġburin it-tagħrifiet bijografiċi tad-diretturi mużikali. Tagħrif ieħor nieqes f'dit-taqsima hu dwar Mro Carmelo Doneo (?-?), u Mro Antonio (Ninu) Pace (11.ix.1878–1950), li għamel seba' snin surmast ta' dil-banda bejn l-1900 u l-1907. Fil-lista msemmija, p. 380, dat-tliet surmastrijiet jiġu t-tieni, il-ħames, u d-disa' diretturi mużikali rispettivament. Tajjeb ninnutaw ukoll, li fil-każ ta' Carmelo Abela [Farrugia] (1888-9), dan kien wieħed minn sensiela ta' ħames surmastrijiet li nbidlu kull sena: Mro Gaetan Grech (1889-1890), Mro Luigi Barbosa (1890-1), Mro Carmelo Doneo (1891-2) u Mro Gavino Camilleri (1892-3), jiġu eżatt warajh. L-iskop ta' dal-artiklu għalhekk hu li jixħet dawl ġdid, jew jkompli jixħet aktar dawl, fuq is-surmastrijiet Abela [Farrugia], Doneo, u Pace. Fil-każ ta' Barbosa, mhux faċli li wieħed jikseb xi forma ta' tagħrif dwaru, imma nibqa' sakemm forsi xi darba jirnexxili.

Kliem muftieħ: Mro Carmelo Abela [Farrugia], Mro Carmelo Doneo, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Mużikali 'San Lawrenz' (Birgu), Soċjetà Filarmonika 'San Ġorġ' (Bormla), Soċjetà Filarmonika 'Vilhena' (Furjana), Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' (Ħamrun), Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija' (Ħal Luqa), Soċjetà Filarmonika 'La Vittoria' (Mellieħa), Soċjetà Mużikali 'Peace' (Naxxar), Għaqda Mużikali 'San Ġorġ Martri' (Ħal Qormi)

## Mro Carmelo Abela [Farrugia] (?-?)

Qabelxejn, dwar iż-żewġ kunjomijiet li ġieli jingħataw lil das-surmast, jekk nassumu li dejjem qed nirreferu għall-istess persuna, jista' jagħti l-każ li dan sar biex wieħed ma jitfixklux ma' surmast ieħor, Mro Carmelo Abela Scolaro (23.x.1850 [Bormla[1]] - 5.xii.1918 [Ħamrun[2]]), kornettista mill-iprem, li wkoll inzerta li għandu ismu u l-ewwel kunjom bħalu. U biex dil-affari tikkomplika iżjed ruħha, fl-istess żmien ta' Abela [Farrugia] kien hemm ukoll surmast ieħor bl-istess isem u b'kunjomu Farrugia Scolaro.


Mro. Carmelo Abela [Farrugia]

Xi ħjiel bijografiku dwar Abela [Farrugia] jagħtihulna Anton Attard, f'paġna 17 tal-ktieb tal-125 anniversarju, 'Soċjetà Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883'[3], fejn jgħidilna li das-surmast 'kien fost l-aħjar mużiċisti ta' tmiem is-seklu dsatax u l-bidu ta' dak ta' warajh.' Skontu wkoll, Abela [Farrugia] 'kien magħruf għall-ħila li kellu fl-arranġamenti ta' għażliet mill-opri għall-banda.' Fl-istess ktieb ta' Attard insibu wkoll, li Abela [Farrugia] aktarx li kien idoqq it-terzin[4], strument ftit iżgħar minn kwartin, u li ilu ħafna u ħafna snin li għeb mix-xena bandistika lokali. Kif ser naraw ukoll, Abela [Farrugia], minbarra dik Luqija, kien surmast ta' diversi baned oħrajn Maltin, fosthom tas-

[1] Dictionary of Maltese Biographies, Vol. 1, p. 19.
[2] Skont Dr. Ulderico Rolandi, fil-ktieb tiegħu 'Musica e Musicisti in Malta' (1932), p. 90, iridu mwieled fl-1843 [Senglea] u mejjet fl-1908, ukoll il-Ħamrun. Id-dati li qed inġib hawn fuq ġibthom mid-'Dictionary of Maltese Biographies', Vol. 1 (PIN, 2009).
[3] Best Print, 2008.
[4] Ara 'Lista ta' Bandisti 1883-2008', p. 299, Anton Attard.

Soċjetà Filarmonika 'San Ġorġ' ta' Bormla, tal-Għaqda Mużikali 'San Ġorġ Martri' ta' Ħal Qormi, u tas-Soċjetà Filarmonika 'Vilhena' tal-Furjana.[5]

1880-3: **Soċjetà Filarmonika 'San Ġorġ' ta' Bormla**: Mil-lista li jagħtina Joseph Grech[6] insibu li Mro Carmelo Abela [Farrugia] laħaq surmast ta' dil-banda fl-1880, it-tieni wieħed wara Mro Lorenzo Grima, il-fundatur tal-Banda. Dejjem skont il-lista, sena wara Abela [Farrugia], laħaq Mro Carmelo Abela (mingħajr it-tieni kunjom), li dam sena waħda biss bejn l-1881 u l-1882. Warajh nerġgħu nsibu lil Abela [Farrugia] fl-1883. Madankollu, jidher li ma tantx dam f'dil-kariga peress li fl-1884 laħaq minfloku Mro C. Farrugia Scolaro. Iżda skont Anton Attard, l-awtur tal-ktieb 'Soċjetà Mużikali San Lawrenz Belt Vittoriosa A.D. 1883', p. 17, Abela u Abela [Farrugia] huma l-istess persuna. Jekk hu hekk, dan jiġi jfisser li das-sumast għamel b'kollox tliet snin ma' dil-banda.

Skont l-awtur Sunny Aquilina[7] jidher, li taħtu: 'Il-Banda kisbet fama u bdiet tagħmel bosta programmi, kemm ġewwa Bormla, kif ukoll fi bliet u rħula oħra.' U fost l-ewwel programmi li Abela [Farrugia] dderieġa ma' dil-banda, taħt l-isem il-ġdid ta' 'Filarmonica San Giorgio', kien propju dak ta' nhar il-Ħadd, 14 ta' Novembru 1880, f'misraħ Sta Margerita. L-istess awtur jgħidilna fiex kien jikkonsisti dal-programm; liema tagħrif hu ħadu mill-ġurnal 'Risorgimento' tat-13 ta' Novembru. Ħasra li, fil-lista ma jissemmewx l-ismijiet tal-kompożituri tax-xogħlijiet li ndaqqew. Tajjeb inżidu ngħidu hawnhekk ukoll, li fiż-żmien li Abela [Farrugia] kien surmast, insibu lin-Nobbli Markiż di San Giorgio, Giorgio Crispo Barbaro bħala president tas-Soċjetà[8], sa mit-twaqqif tagħha fl-1862. L-istess Markiż kien ukoll president onorarju tal-banda Luqija.

U biex inkomplu bis-suċċessi ta' dil-banda, fl-1881 biss 'kellha mal-għaxar programmi f'Bormla, u xi tmienja oħra f'pajjiżi oħra.'[9] Fl-istess kitba t'Aquilina nsibu li fl-1882, il-Banda, dejjem taħt il-bakketta t'Abela [Farrugia], daqqet fil-festi Ċentinarji ta' Sta Tereża, fejn wara l-eżekuzzjoni tal-programm, il-kapaċità tal-mużiċisti spiss ġiet imfaħħra, saħansitra ġew imsejħa 'perfetti maestri'.[10]

1888: Skont Lorenzo Zahra[11], għal xi żmien qasir, Abela [Farrugia] kien reġa' mar iħabbat mal-banda Cospicuana fuq talba tal-Bormliżi stess wara diżgwid li kien inqala' bejnhom u s-surmast tagħhom, Mro Gaetan Grech.[12] Huma offrewlu salarju ogħla, u hu aċċetta li jmur magħhom. Dil-kariga temporanja t'Abela [Farrugia] li jsemmi Zahra ma' tidhirx, la fil-lista ta' surmastrijiet tal-banda Bormliża fil-ktieb ta' Joseph Grech[13], u lanqas fil-kitba t'Aquilina[14]. L-istess żewġ awturi jqisu li C. Abela u C. Abela [Farrugia] kienu żewġ surmastrijiet differenti.

1881 u 1883: **Soċjetà Filarmonika 'Vilhena' tal-Furjana**: Fl-istess żmien li kien surmast tal-banda Bormliża, lil Abela [Farrugia] insibuh imniżżel ukoll fil-lista ta' surmastrijiet li kellha l-banda Furjaniża. Iżda anki hawnhekk, f'dal-perjodu li qegħdin insemmu, is-surmastrijiet kienu jinbidlu minn sena għall-oħra. F'temp ta' erba' snin, insibu lil Abela [Farrugia] (1881), Borg

---

[5] 'Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex': Joseph Grech (PEG, 2001).
[6] Idem., p. 72
[7] 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', L-Ewwel Volum (PIN, 1997).
[8] Is-"Società Filarmonica Nazionale Cospicuana 'San Giorgio'" ħadet ismu proprju wara li hu kien wiret it-titlu ta' Markiż fis-16 ta' Ġunju 1880. Il-Markiż Giorgio Crispo Barbaro (26.v.1849-3.iii.1912), twieled iż-Żurrieq mill-Markiż Gustavo Barbaro di San Giorgio u Caroline Bennet. Skont Jesmond Grech: 'Kien kapaċi u ġej minn familja influwenti ħafna li kienet ħadet pożizzjoni anti-Riformista fil-kwistjoni tal-lingwa'.
[9] Aquilina, p. 30.
[10] Idem.
[11] Awtur tal-ktejjeb "Ġrajjiet Il-Banda Vittoriosana 'San Lawrenz' (1883-1893)". Ara p. 16.
[12] Skont Jesmond Grech, l-awtur tal-ktieb "L-Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija'" (Best Print, 2008), kien bis-saħħa ta' dal-Markiż, li fl-istess żmien, Abela [Farrugia] kien iħabbat ukoll mal-banda Luqija.
[13] Ara 'Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex', p. 72.
[14] Ara 'L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', Vol. 1, p. 31.

(1882), jerġa' lil Abela [Farrugia] (1883), u lil Portelli (1894). Skont Simon A. Bonello[15], Abela [Farrugia] kien wieħed mill-Furjaniżi li taw is-servizz tagħhom.

1884-5 u 1888-9: **Soċjetà Mużikali 'San Lawrenz', Belt Vittoriosa tal-Birgu**: Wara li Abela [Farrugia] kien ħalla minn mal-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla, hu mar ma' dil-banda, li sa dak iż-żmien kienet għadha ġġib l-isem ta' Filarmonica 'L'Unione'. Fil-lista ta' surmastrijiet li mexxew 'il dil-banda, li nsibu fil-ktejjeb 'Ġrajjiet Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz (1883-1983)'[16], p. 56, Lorenzo Zahra jtina lil Mro Carmelo Abela [Farrugia] bħala surmast bejn l-1885 u l-1889. Aktar tagħrif dwaru mill-istess awtur nsibuh f'p. 15: 'Fl-1886, meta s-Surmast (Ignazio) Catania (29.i.1860-4.viii.1939) kien għadu jmexxi l-banda, Carmelo Abela beda jipprattika wkoll sa ma hu ħa l-banda f'idejh. Taħt id-direzzjoni tiegħu, il-banda, fit-3 ta' Mejju 1886[17], marret iddoqq il-Belt Valletta, fil-festa ta' Santu Kruċ, li jorganizzawha l-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss, fil-Knisja ta' Ġieżu. Il-banda daqqet programm fil-post, fejn il-Beltin isejħulu "Fuq il-Għalqa", u dan jiġi maġenb il-knisja. Tifkira ta' dan għad jidher inkwatru fil-każin bil-bandisti mas-surmast.' Tajjeb ngħidu, li fost il-bċejjeċ li ndaqqew f'dal-programm insibu tnejn ta' Abela [Farrugia]: 'L'Unione' (Marcia) u 'Eugenia' (Polka).

Iżda biex inkunu aktar preċiżi, jekk issa naqbdu l-ktieb ta' Grech, p. 286, insibu li Abela [Farrugia] kien diġà laħaq surmast tagħha bejn l-1884 u l-1885. U li'l Catania nsibuh surmast bejn l-1885 u l-1888. Abela reġa' ħa l-Banda taħt idejh bejn l-1888 u l-1889. Jidher iżda, skont l-istess awtur, li Catania (klarinettist gwapp) kien qed biss jissostitwixxi temporanjament lil Abela [Farrugia], u fin-nuqqas ta' dan tal-aħħar, għen kemm felaħ biex saħħaħha billi ħarreġ allievi ġodda. L-għan ta' dir-riorganizzazzjoni, jew perjodu tranżitorju, jidher li ntlaħaq, tant li l-Ħadd, 12 ta' Mejju 1889, il-banda daqqet programm fil-festa ta' San Ġużepp fil-Birgu stess taħt id-direzzjoni ta' Abela [Farrugia]. F'dik l-istess sena, proprju fis-7 ta' Lulju, ġewwa Ħaż-Żabbar, għall-festa tal-Madonna tad-Duttrina, l-istess banda riorganizzata, ħadet sehem b'suċċess flimkien ma' baned oħra. Skont il-ġurnal 'Malta' tal-10 ta' Lulju, dan kien dovut għall-'bravu surmast Carmelo Abela Farrugia'.[18]

Programmi oħra li saru fl-1889 taħt id-direzzjoni tal-istess Abela [Farrugia], jinkludu dak ta' Jum il-Mota, lejlet il-bidu tan-Novena tal-festa ta' San Lawrenz (31 ta' Lulju), u jumejn wara, dak tal-Antiviġilja, fejn wara l-programm, is-surmast kien ġie ppreżentat b'bukkett fjuri bħala rikonoxximent ta' ħidmietu. Programm importanti ieħor, dejjem taħt il-bakketta tiegħu, sar fit-22 ta' Settembru tal-istess sena biex jikkomemora ir-rebħa tal-Maltin fl-Assedju l-Kbir, u li iżda fih ma ddaħħlux xogħlijiet minn tiegħu. Ma' dal-programm, l-awtur Attard jinkludi ieħor li kien sar il-Ħadd, 2 ta' Frar 1890, fil-pjazza tal-Birgu, fejn Abela reġa' ġie ppreżentat b'bukkett fjuri. Saħansitra l-ġurnal 'Malta' tal-4 tax-xahar kellu tifħir għal 'volente, quanto modesto, Carmelo Abela Farrugia', għal-livell ferm ogħli li issa kien intlaħaq minn dil-banda, li ma kenitx tagħmel għajb lil baned oħrajn ta' żmienha.

1888-1889: **Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija' ta' Ħal Luqa**: Mill-ktieb ta' Jesmond Grech, p. 52, insiru nafu li Abela [Farrugia] ħabbat għall-ewwel darba ma' dil-banda lejlet, il-Ħamis, 29 u l-għada, 30 ta' Novembru, nhar il-festa liturġika ta' Sant'Andrija tal-1888. Iżda f'daż-żewġ programmi, Abela [Farrugia] ma daħħal l-ebda xogħlijiet minn tiegħu. Mill-bqija ma nsibu xejn aktar dwaru fl-imsemmi ktieb.

1894-8: **Għaqda Mużikali 'San Ġorġ Martri' ta' Ħal Qormi**: Lil Abela [Farrugia] insibuh ukoll fil-lista ta' surmastrijiet ta' dil-banda Qormija, fejn għal darb'oħra niltaqgħu mal-isem tal-qaddis

---

[15] Ara 'L-istorja Tal-Każini Tal-Baned F'Malta U Għawdex' (vol. 1), p. 42.
[16] Stampar: CharVin Press & Co. Ltd., Luqa, 1983
[17] Skont Attard, dal-kunċert sar sena qabel, i.e. fl-1885.
[18] Attard, p. 15.

San Ġorġ.[19] Infatti, għall-bidu li dil-banda twaqqfet kienet iġġib l-isem ta’ Società Filarmonika ‘San Giorgio’. Skont Joseph F. Grima[20], ‘fis-16 ta’ Lulju 1894 insibu l-ewwel referenza’ għal das-surmast. Iżda Grima ma jsemmi xejn aktar dwar ħidmet is-surmast u forsi xi xogħlijiet li seta’ kiteb.

B’xi mod jew ieħor, Abela [Farrugia] kellu wkoll konnessjoni mas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali ‘La Valette’ tal-Belt Valletta, tant li mill-minuti tas-seduta tat-2 ta’ Jannar tal-1890, il-Kumitat, ‘wara konsultazzjoni ma’ Maestro Carmelo Abela Farrugia’[21], kien approva l-ħatra tas-surmast Vincenzo Carabott bħala direttur ta’ dil-banda. Skont Attard ukoll, dan jikkonferma kemm Abela [Farrugia] ‘kien persunaġġ influwenti fil-qasam mużikali’.[22] Forsi hawn ta’ min iżid jgħid ukoll, li l-ewwel president tal-banda Beltija kien il-Markiż Ramiro Barbaro di San Giorgio (9.iv.1840-12.viii.1920)[23], iżda mhux faċli wieħed jgħid x’kien jiġi eżatt mill-Markiż Giorgio Crispo Barbaro.

## Mro. Carmelo Doneo (?-?)



Mro. Carmelo Doneo

Mro Carmelo (jew Carmenu) Doneo aktarx li twieled f’Lixandra, l-Eġittu. F’xi żmien f’ħajtu ġie jgħix Malta u mar joqgħod Bormla. Hu żżewweġ lil Giovanna Fiorini, u minnha kellu iben Emidio. Anki hawnhekk, għalkemm Emidio kien imwieled Bormla ma nafux id-data ta’ twelidu, imma tal-anqas nafu li miet f’Settembru tal-1938. Min-naħa tiegħu, Emidio iżżewweġ lil Giovanna Parlar u minnha kellu żewġt itfal, Joseph, li twieled il-Ħamrun fid-29 ta’ Ġunju 1907, u miet f’Tas-Sliema fl-10 ta’ Mejju 1971, u Francesca (?-?). Skont Marie-Thérèse Vassallo, missierha, Mro Frank Vassallo (1924-2000) kien jiġi n-neputi tas-Surmast Carmelo Doneo min-naħa t’ommu Theresa. Infatti, ta’ sitt snin, Vassallo beda jitgħallem il-mużika mingħand zijuh Emidio.

Joseph Mifsud Matrenza (1918-2013), storjografu tal-banda Ġużeppina Ħamruniża, jiddeskrivi lil Doneo bħala bniedem, li għalkemm minn surtu kien xi ftit qsajjar u mbaċċaċ, jingħad li kien ukoll dehni u ħabrieki. Kien surmast metodiku ħafna, kemm fit-tagħlim tal-iskulari, kif ukoll fit-treġija tal-Banda. Sfotunatament, minħabba l-impenji professjonali tiegħu bħala mużiċist fil-banda militari, l-għadd ta’ baned li kellu f’idejh, u t-tagħlim tal-allievi fil-ħin ħieles tiegħu, ftit huma x-xogħlijiet li ħarġu mill-pinna tiegħu. Bejn l-1889 u l-1911 hu dderieġa xejn anqas minn erba’ baned.

1889-99: **Soċjetà Mużikali ‘San Ġużepp’ tal-Ħamrun**: Aktarx li din kienet l-ewwel banda li qatt idderieġa. Skont Mifsud Matrenza, Doneo kien ‘il-veru missier ta’ dil-banda għax kien hu l-ispirazzjoni u l-animazzjoni tagħha.’ Iżid jgħidilna wkoll li, ‘bis-sabar, bil-għaqal, bil-ħlewwa, bil-ħidma u b’maestrija kbira hu rnexxielu jwaqqaf dil-ewwel banda ġol-Ħamrun.’ Skont Robert Mifsud Bonnici wkoll, ‘għad li tnax kienu l-promoturi, iżda l-fundatur tal-Banda kien Mro Doneo.’ Waqqaf skola tal-mużika ġol-każin stess biex seta’ jiddedika l-ftit ħin ħieles tiegħu jgħallem lill-istudenti l-ġodda. Wara sentejn, il-banda daqqet fis-6 t’Awwissu 1892, fejn flimkien mal-iskulari l-ġodda, ħadu sehem ukoll xi bandisti Ħamruniżi li kienu fl-armata u oħrajn barranin. Il-ġurnal ‘Malta Tagħna’[24] kellu dan xi jgħid fuq il-programm: ‘Dis-sena, għall-festa ta’ San Gejtanu, daqqet l-ewwel darba l-banda tal-Ħamrun jisimha San Ġużepp. Dil-banda, għal ftit li ilha, daqqet mill-aħjar. Prosit lis-surmast Doneo u lill-iskulari tiegħu.’

---

[19] Ara l-ktieb ta’ Joseph Grech, p. 165.

[20] Ara ‘L-Istorja tal-Każini tal-Baned f’Malta u Għawdex’, Vol. 1, p. 92.

[21] Kan. John Ciarlò: “Soċjetà Filarmonika Nazzjonali ‘La Valette’ – L-Ewwel Mitt Sena Storja (1874-1974)’ (Media Centre, 1994), p. 39.

[22] Ara l-ktieb, ‘Soċjetà Mużikali San Lawrenz Belt Vittoriosa A.D. 1883’, p. 17.

[23] Imwieled il-Belt, Ramiro kien id-disa’ wild ta’ Francis Anthony Barbaro, it-tielet Markiż ta’ ‘San Ġorġ’, u Josephine Caroline Zimmermann. Kien awtur ta’ diversi xogħlijiet letterarji.

[24] 13 ta’ Awwissu 1892.

Ġurnal ieħor, 'Gazzetta di Malta'[25], ukoll kellu kliem ta' tifħir għal dal-programm ta' mużika sinfonika u operistika. Madankollu, il-korrespondent ma jsemmix ix-xogħlijiet li ndaqqew b'isimhom, iżda jsemmi biss li ndaqqew sinfonija u selection, fost oħrajn. Bħala ringrazzjament, Doneo ngħata bukkett fjuri mingħand il-president Temi Conti, li min-naħa tiegħu faħħar id-diliġenza tas-surmast u tal-allievi żgħażagħ. Il-korrispondent għalaq l-artiklu tiegħu billi ta prosit mill-qalb lil Doneo għall-progress li kienet għamlet il-banda taħt id-direzzjoni tiegħu, filwaqt li ħeġġeġ lill-bandisti biex ikomplu jitgħallmu b'dik ir-rieda qawwija li kienu bdew biha.

Wara għaxar snin sħaħ imexxi 'l dil-Banda, Doneo ddimetta mill-kariga tiegħu. X'kienet ir-raġuni ewlenija ma nistgħux ngħidu, biss kif se naraw, il-karriera tiegħu bħala direttur ma waqfitx hawn. Iżda, qabel inħallu 'l dil-banda tajjeb insemmu żewġ avvenimenti importanti li seħħew fi żmienu; il-waħda meta laqgħet il-kappillan il-ġdid, Dun Giakkinu Grech b'marċ qawwi u militari ta' Doneo, bl-isem ta' 'Un Saluto al Ħamrun', fid-29 t'April 1896, u l-oħra ta' meta daqqet fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla, fejn eżegwit żewġ programmi taħt il-bakketta tiegħu. Fil-programm tal-Erbgħa, 8 ta' Diċembru 1897, indaqqet ir-'Reminiscenza di Verdi', arranġament tiegħu stess. Fil-programmi, Doneo kien iħobb idaħħal ħafna bċejjeċ operistiċi ta' Verdi flimkien ma' marċi, valzi u mużika ballabbli oħra li kienet ħafna in voga dak iż-żmien.

1891-92: **Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija' ta' Ħal Luqa**: Fl-istess żmien li kien surmast il-Ħamrun, Doneo għamel sena imexxi 'l dil-banda Luqija, iżda ma jidhirx li teżisti xi forma ta' informazzjoni dwaru u l-ħidma li hu wettaq fi ħdanha. Nafu biss, li lejn l-aħħar tas-seklu 19, u l-ewwel deċenju tas-seklu li għadda, ħafna baned għaddew minn żmenijiet instabbli, tant li ħafna surmastrijiet kienu jagħżlu li jmorru minn waħda għall-oħra f'qasir żmien, skont min joffrilhom l-aħjar pakkett finanzjarju. Ngħidu aħna, fil-każ ta' Doneo, dan kien wieħed mill-erba' surmastrijiet li nbidlu kull sena: b'Mro Carmelo Abela [Farrugia] u Mro Luigi Barbosa jiġu qablu, u warajh Mro Gavino Camilleri.

1900-02: **Soċjetà Mużikali 'Peace' tan-Naxxar**: Jista' jkun li din kienet l-ewwel banda li ħa f'idejh wara li telaq 'il dik Ħamruniża. Iżda anki hawnhekk, hu dam sentejn, u mhux magħruf jekk wara kienx iħabbat x'imkien ieħor qabel l-1906. Hu fatt magħruf, li Doneo kien ikun imħabbat ħafna bir-riġment fejn kien surġent fil-banda tar-Royal Malta Artillery.

1906-11: **Soċjetà Filarmonika 'La Vittoria' tal-Mellieħa**: Lil Doneo nsibuh ukoll bħala l-ewwel surmast direttur ta' dil-banda, u mill-ewwel ħa ħsieb it-tagħlim tal-mużika għall-bandisti. Hu bdielhom bit-teorija sakemm inxtraw l-istrumenti, u wara ftit bdew isiru l-provi tal-banda kull tmiem il-ġimgħa. L-ewwel dehra tal-banda kien fis-7 ta' Settembru 1907, fejn għamlet marċ f'nofsinhar mat-toroq tar-raħal. Flgħaxija mbagħad, eżegwiet l-ewwel programm tagħha fuq palk armat apposta f'nofs il-misraħ, diretta minn Doneo. Fil-programm indaqqew xi xogħlijiet tiegħu, fosthom 'Mon Amour' (Waltz) u 'La Vittoria' (Marcia), kif ukoll arranġament għall-banda, 'Reminiscenza di G. Verdi'. Tant kien kbir is-suċċess ta' dal-programm, li korrispondent fil-ġurnal 'Malta Tagħna' kien faħħar il-preċiżjoni li biha ġiet eżegwita l-mużika dakinhar fuq il-planċier. Xi żmien wara l-festa tal-Bambina, Doneo ħass li kellu jċedi postu għal xi ħadd aktar żagħżugħ minnu minħabba l-età. Mhux magħruf x'ġara minnu wara li ħalla 'l dil-Banda fl-1911.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Luqin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant' Andrija li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata F'Ħal Luqa u fl-okkażjoni tal-75 anniversarju minn mewt Mro Antonio Miruzzi li kien surmast tal-banda Luqija bejn l-1914 u l-1922, u l-awtur tal-innu tal-banda 'Sant'Andrija'.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[25] 10 ta' Awwissu 1892.